



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Novembru 2022
(OR. en)

12454/22

LIMITE

CORLX 790
CFSP/PESC 1150
COHOM 105

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra
l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999¹.
- (2) Il-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 japplikaw fir-rigward tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness għal dik id-Deċiżjoni sat-8 ta' Diċembru 2022.
- (3) Abbażi ta' rieżami tal-Anness għad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999, il-miżuri stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 ta' dik id-Deċiżjoni fir-rigward tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi elenkati f'dak l-Anness jenħtieġ li jiġu estiżi sat-8 ta' Diċembru 2023. L-entrati li jikkonċernaw sitt persuni fiżiċi u żewġ entitajiet inklużi f'dak l-Anness jenħtieġ li jiġu aġġornati.
- (4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 għalhekk jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1999 tas-7 ta' Diċembru 2020 li tikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-ksur u l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem (ĠU L 410I, 7.12.2020, p. 13).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 10, fit-tieni sentenza, id-data "8 ta' Diċembru 2022" hija sostitwita bid-data "8 ta' Diċembru 2023";
- (2) l-Anness huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1999 ("Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikoli 2 u 3") huwa emendat kif ġej:

(1) fit-taqsimha A, l-entrati għas-sitt persuni fiżiċi li ġejjin huma sostitwiti b'dan li ġej:

A. Persuni fiżiċi

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar	Data tal- elenkar
"1.	Alexander (Alexandr) Petrovich KALASHNIKOV	Александр Петрович КАЛАШНИКОВ (ortografija Russa)	Kariga/i: Eks Direttur tas-Servizz Penitenzjarju Federali Russu (FSIN) Data tat-twelid: 27.1.1964 Post tat-twelid: Tatarsk, Reġjun/Oblast ta' Novosibirsk, SFSR Russa (issa l- Federazzjoni Russa) Nazzjonalità: Russa Sess: raġel	Alexander Kalashnikov kien id-direttur tas-Servizz Penitenzjarju Federali Russu (FSIN) mit-8 ta' Ottubru 2019 sal-25 ta' Novembru 2021. F'dik il-pożizzjoni, huwa ssorvelja l-attivitajiet kollha tal-FSIN. Fil- kapaċità tiegħu bħala direttur tal-FSIN, huwa kien responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż arresti u detenzjonijiet arbitrarji.	2.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				<p>Fil-każ ta' Alexei Navalny, waqt li s-Sur Navalny kien qed jirkupra fil-Ġermanja (Settembru 2020-Jannar 2021) wara li kien ġie avvelenat b'aġent nervin tossiku tal-grupp Novichok, fit-28 ta' Diċembru 2020, l-FSIN ordna li b'mod immedjat jippreżenta ruħu quddiem uffiċjal tal-probation jew, jekk jonqos milli jagħmel dan, jiffaċċja sentenza ta' ħabs talli jkun kiser il-kondizzjonijiet ta' sentenza sospiża fuq kundanna għal frodi. Dik il-kundanna għal frodi nstabet li kienet arbitrarja u inġusta mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2018. Fis-17 ta' Jannar 2021, fuq ordnijiet ta' Alexander Kalashnikov, uffiċjali tal-FSIN arrestaw lil Alexei Navalny mal-wasla tiegħu fl-ajruport ta' Moska.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal- elenkar
				L-arrest ta' Alexei Navalny huwa bbażat fuq deċiżjoni tal-qorti tal-belt ta' Khimki, li min-naħa tagħha nħarġet fuq talba tal-FSIN. Lejn l-aħħar ta' Diċembru 2020, l-FSIN kien diġà talab li qorti tissostitwixxi s-sentenza sospiża ta' Alexei Navalny b'sentenza ta' ħabs. Fis-17 ta' Frar 2021, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ordnat lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa jirrilaxxa lil Alexei Navalny.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar	Data tal- elekar
6.	WANG Junzheng	王君正 (ortografija Ċiniża)	<p>Kariga/i: Segretarju tal-Partit Komunista Ċiniż (CCP) fir-Reġjun Awtonomu tat-Tibet (TAR); Eks Segretarju tal-Partit tal-Korp ta' Produzzjoni u Kostruzzjoni ta' Xinjiang (KPKX) u Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang fiċ-Ċina; Kummissarju politiku tal-XPCC u CEO taċ-China Xinjian Group</p> <p>Data tat-twelid: Mejju 1963</p> <p>Post tat-twelid: Linyi, Shandong (iċ-Ċina)</p> <p>Nazzjonalità: Ċiniża</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Segretarju tal-Partit Komunista Ċiniż (CCP) fir-Reġjun Awtonomu tat-Tibet (TAR) sa minn Ottubru 2021. Eks Segretarju tal-Partit tal-Korp ta' Produzzjoni u Kostruzzjoni ta' Xinjiang (KPKX) u Viċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tar-Reġjun Awtonomu Ujgur ta' Xinjiang (RAUX) fiċ-Ċina minn April 2020 sa Ottubru 2021, kif ukoll Kummissarju politiku tal-KPKX minn Mejju 2020 sa Ottubru 2021. Eks Segretarju tal-Kumitat għall-Affarijiet Poliċi u Legali tar-RAUX, minn Frar 2019 sa Settembru 2020. Wang Junzheng okkupa wkoll karigi għolja oħra fil-KPKX.</p>	22.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar	Data tal-elekar
				<p>L-XPCC huwa organizzazzjoni ekonomika u paramilitari tal-istat fl-XUAR, li teżerċita awtorità amministrattiva u tikkontrolla l-attivitajiet ekonomiċi f'Xinjiang.</p> <p>Bħala Segretarju tal-Partit u Kummissarju Politiku tal-KPKX, Wang Junzheng kien involut fis-sorveljanza tal-politiki kollha implimentati mill-KPKX. F'dik il-kariga, huwa kien responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, b'mod partikolari detenzjonijiet arbitrarji u trattament degradanti fuq skala kbira li laqat lill-Ujguri u lil popli minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn, kif ukoll ksur sistematiku tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin tagħhom, fost l-oħrajn, b'rabta mal-implimentazzjoni mill-KPKX ta' programm ta' sorveljanza, detenzjoni u indottrinazzjoni fuq skala kbira mmirat lejn l-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
				<p>Hu kien responsabbli wkoll mill-użu sistematiku mill-KPKX tal-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn bħala forza tax-xogħol furzat, b'mod partikolari fl-għelieqi tal-qoton.</p> <p>Bħala Vċi Segretarju tal-Kumitat tal-Partit tar-RAUX, Wang Junzheng kien involut fis-sorveljanza tal-politiki tas-sigurtà kollha implimentati f'Xinjiang, inkluż il-programm imsemmi qabel immirat lejn l-Ujguri u nies minn minoranzi etniċi Musulmani oħrajn. Bħala Segretarju tal-Kumitat għall-Affarijiet Poliċi u Legali tar-RAUX minn Frar 2019 sa Settembru 2020, Wang Junzheng kien responabbli miż-żamma tas-sigurtà interna u l-infurzar tal-liġi fir-RAUX. Bħala tali, kellu kariga politika importanti inkarigat biex jissorvelja u jimplimenta l-programm imsemmi qabel.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar	Data tal- elekar
9.	JONG Kyong-thaek (magħruf ukoll bħala CHO'NG Kyo'ng-t'aek)	정경택 (ortografija Koreana)	Kariga/i: Direttur tal- Bureau tal-Politika Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean; Eks Ministru għas-Sigurtà tal-Istat tar- Repubblika Demokratika tal- Poplu tal-Korea (RDPK) Data tat-twelid: bejn l-1.1.1961 u l- 31.12.1963 Nazzjonalità: Repubblika Demokratika tal- Poplu tal-Korea (RDPK) Sess: raġel	Jong Kyong-thaek huwa d-Direttur tal- Bureau tal-Politika Ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean. Hu kien il-Ministru għas-Sigurtà tal-Istat tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK) mill-2017 sal-2021. Il-Ministeru għas- Sigurtà tal-Istat tar-RDPK hu wieħed mill- istituzzjonijiet ewlenin responsabbli mill- implimentazzjoni tal-politiki repressivi tas- sigurtà tar-RDPK, b'enfasi fuq l- identifikazzjoni u t-trażżin ta' dissens politiku, l-influss ta' informazzjoni "sovversiva" minn barra, u kull imġiba oħra meqjusa bħala theddida politika serja għas-sistema politika u t-tmexxija tagħha.	22.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
				<p>Bħala Eks Kap tal-Ministeru għas-Sigurtà tal-Istat, Jong Kyong-thaek huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK, b'mod partikolari tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji, arbitrarji u sommarji u qtil, għajbien sfurzati ta' persuni, u arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, kif ukoll xogħol furzati mifrux u vjolenza sesswali kontra n-nisa.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar	Data tal- elekar
10.	RI Yong Gil (magħruf ukoll bħala RI Yong Gi, RI Yo'ng-kil, YI Yo'ng- kil)	리영길 (ortografija Koreana)	Kariga/i: Ministru għad-Difiża Nazzjonali tar- Repubblika Demokratika tal- Poplu tal-Korea (RDPK) Grad: Viċi Marixall Data tat-twelid: 1955 Nazzjonalità: Repubblika Demokratika tal- Poplu tal-Korea (RDPK) Sess: raġel	Ri Yong Gil huwa l-Ministru għad-Difiża Nazzjonali tar-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK). Huwa kien il- Ministru għas-Sigurtà Soċjali minn Jannar 2021 sa Ġunju jew Lulju 2021. Kien Kap tal-Istat Maġġur tal-Armata tal-Poplu Korean (KPA) bejn l-2018 u Jannar 2021. Huwa ġie promoss għal Viċi Marixall tal- KPA fl-14 ta' April 2022. Bħala Ministru għad-Difiża Nazzjonali, Ri Yong Gil huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż minn membri tal-Kmand tas-Sigurtà Militari u unitajiet oħra tal-KPA.	22.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
				<p>Il-Ministeru għas-Sigurtà Soċjali tar-RDPK (li qabel kien magħruf bħala l-Ministeru għas-Sigurtà tal-Poplu jew il-Ministeru għas-Sigurtà Pubblika) u l-Kmand tas-Sigurtà Militari huma istituzzjonijiet responsabbli milli jimplimentaw il-politiki ta' sigurtà repressivi tar-RDPK, fosthom l-interrogazzjoni u l-ikkastigar ta' nies li jaħarbu mir-RDPK "illegalment". B'mod partikolari, il-Ministeru għas-Sigurtà Soċjali hu responsabbli milli jmexxi kampijiet tal-ħabs u ċentri ta' xogħol ta' detenzjoni fuq perjodu qasir ta' żmien permezz tal-Uffiċċju Korrettiv tiegħu, fejn il-priġunieri/detenuti jitħallew bil-ġuħ apposta u huma soġġetti għal trattament inuman ieħor.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar	Data tal-elekar
				<p>Bħala eks Kap tal-Ministeru għas-Sigurtà Soċjali, Ri Yong Gil huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK, b'mod partikolari tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, eżekuzzjonijiet ekstraġudizzjarji, arbitrarji u sommarji u qtil, għajbien sfurzat ta' persuni, u arresti jew detenzjonijiet arbitrarji, kif ukoll xogħol furzat mifruż u vjolenza sesswali kontra n-nisa.</p> <p>Bħala eks Kap tal-Persunal Ġenerali tal-KPA, Ri Yong Gil huwa responsabbli wkoll għall-ksur mifruż tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-KPA.</p>	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar	Data tal- elekar
12.	Abderrahim AL-KANI (magħruf ukoll bħala Abdul- Rahim AL-KANI, Abd-al- Rahim AL-KANI, Abdel Rahim KHALIFA Abdel Rahim AL-SHAQAQI)	عبد الرحيم الكاني (ortografija bl-Għarbi)	Kariga/i: membru tal- Milizzja Kaniyat Data tat-twelid: 7.9.1997 Nazzjonalità: Libjana Numru tal-passaport: PH3854LY Numru tal-karta tal- identità: 119970331820 Sess: raġel	Abderrahim Al-Kani huwa membru ewlieni tal-Milizzja Kaniyat u hu l-Kap tal-Milizzja Kaniyat, Mohammed Khalifa Al-Khani (mietet f'Lulju 2021). Il-Milizzja Kaniyat eżerċitat il-kontroll fuq il-belt Libjana ta' Tarhuna bejn l-2015 u Ġunju 2020. Abderrahim Al-Kani huwa inkarigat mis- sigurtà interna għall-Milizzja Kaniyat. F'dik il-kapaċità, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fil- Libja, b'mod partikolari qtil ekstraġudizzjarju u għajbien sfurzati ta' persuni bejn l-2015 u Ġunju 2020 f'Tarhuna.	22.3.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
				Abderrahim Al-Kani u l-Milizzja Kaniyat ħarbu minn Tarhuna fil-bidu ta' Ġunju 2020 lejn il-Lvant tal-Libja. Minn dakinhar, diversi oqbra tal-massa attribwiti lill-Milizzja Kaniyat ġew skoperti f'Tarhuna.	

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Ismijiet	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal- ejenkar
16.	Dimitriy (Dimitry, Dmitri, Dmitry) Valerievich UTKIN	Дмитрий Валерьевич Уткин (Ortografija Russa)	<p>Kariga/i: Fundatur u kmandant tal-Grupp Wagner</p> <p>Grad: Logutenent Kurunell (riżerva)</p> <p>Sinjal tas-sejħa: Vagner, Wagner, The Nineth</p> <p>ID tal-Grupp Wagner: M-0209</p> <p>Data tat-twelid: 1.6.1970 jew 11.6.1970</p> <p>Post tat-twelid: Asbest, Sverdlovsk Oblast, SFSR Russa (issa l-Federazzjoni Russa)</p> <p>Nazzjonalità: Russa</p> <p>Indirizz: Pskov, Russian Federation</p> <p>Sess: raġel</p>	<p>Dimitriy Utkin, eks uffiċjal tal-intelligence militari Russa (GRU), huwa l-fundatur tal-Grupp Wagner u huwa responsabbli għall-koordinazzjoni u l-ippjanar tal-operazzjonijiet għall-iskjerament tal-merċenarji tal-Grupp Wagner f'diversi pajjiżi.</p> <p>Fil-pożizzjoni tiegħu ta' kmand fi hndan il-Grupp Wagner, huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-grupp, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji.</p> <p>Dan jinkludi t-tortura sal-mewt ta' diżertur Sirjan minn erba' membri tal-Grupp Wagner f'Ġunju 2017 fil-provinċja ta' Homs, is-Sirja. Skont eks membru tal-Grupp Wagner, Dimitriy Utkin personalment ordna t-tortura sal-mewt tad-diżertur kif ukoll l-iffilmjar tal-att.</p>	13.12.2021"

(2) fit-taqsimu B, l-entrati għaż-żewġ entitajiet li ġejjin huma sostitwiti b'dan li ġej:

B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
"3.	Kaniyat Militia (magħrufa wkoll bħala 7th Brigade, Tarhuna 7th Brigade, Tarhuna Brigade) (magħrufa wkoll bħala 9th brigade, Al-Kani Militia, Al-Kaniyat, Kani Brigade, Kaniat, Kaniyat, Kanyat)	مليشيا كانيات (Ortografija Għarbija)		Il-Milizzja Kaniyat hija milizzja armata Libjana, li eżerċitat il-kontroll fil-belt Libjana ta' Tarhuna bejn 1-2015 u Ġunju tal-2020. Oqbra tal-massa attribwiti lill-Milizzja Kaniyat ġew skoperti f'Tarhuna minn Ġunju 2020, wara li l-milizzja ħarbet lejn il-Lvant tal-Libja. Il-Milizzja Kaniyat hija responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari qtil ekstraġudizzjarju u l-għajbien sfurzati ta' persuni.	22.3.2021

	Isem (Trażlitterazzjoni bl-alfabett Latin)	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elekar	Data tal-elekar
5.	Grupp Wagner (magħruf ukoll bħala Grupp Vagner, PMC Wagner, Liga, League)	Группа Вагнера (Ortografija Russa)		<p>Il-Grupp Wagner huwa entità militari privata mhux inkorporata bbażata fir-Russja, li ġiet stabbilita fl-2014 bħala organizzazzjoni suċċessur tal-Korp Slavoniku. Huwa mmexxi minn Dimitriy Utkin u ffinanzjat minn Yevgeny Prigozhin. Permezz tal-istabiliment ta' entitajiet lokali, u bl-appoġġ tal-gvernijiet lokali, il-Grupp Wagner jiffinanzja u jwettaq l-operazzjonijiet tiegħu.</p> <p>Il-Grupp Wagner huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna, is-Sirja, il-Libja, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA), is-Sudan, il-Mali u l-Mozambique, li jinkludu tortura u eżekuzzjonijiet u qtil ekstraġudizzjarji, sommarji jew arbitrarji.</p>	13.12.2021"